**Domanda preliminari**

L-Artikolu 3(5) flimkien mal-paragrafi b u/jew ċ tal-Anness A tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li, leġiżlazzjoni nazzjonali dwar bidliet fil-prezzijiet fil-kuntratti tal-provvista tal-elettriku magħmula ma' klijenti residenzjali li huma fornuti bħala parti mill-obbligu ġenerali ta' provvista (klijent bit-tariffi standard) tissodisfa r-rekwiżiti ta' trasparenza jekk ma tippreċiżax il-motivi, il-kundizzjonijiet u l-importanza ta' bidla eventwali fil-prezzijiet, iżda li fi kwalunkwe każ tiggarantixxi li l-fornitur tal-elettriku javża lill-klijenti tiegħu bi kwalunkwe żieda fil-prezz fi żmien xieraq u li dawn tal-aħħar jingħataw id-dritt li jtemmu l-kuntratt permezz ta' xoljiment, jekk ma jkunux jixtiequ jaċċettaw il-bdil fil-kundizzjonijiet li jkunu ġew ikkomunikati lilhom?

([1]) Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id Direttiva 96/92/KE (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Nejvyšší správní soud (Ir-Repubblika Ċeka) fit-28 ta' Lulju 2011 — Blanka Soukupová vs Ministerstvo zemědělství**

**(Kawża C-401/11)**

(2011/C 311/31)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Blanka Soukupová.

*Konvenut:* Ministerstvo zemědělství.

**Domandi preliminari**

(1) Nistgħu ninterpretaw il-kunċett ta' "eta' ta' irtirar", imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti ([1]), bħala "l-età neċessarja sabiex jinkiseb id-dritt għall-pensjoni tax-xjuħija" tal-applikant konkret skont id-dritt nazzjonali?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-fatt li "l-eta' ta' irtirar" fil-mument tat-trasferiment tal-attività agrikola, tiġi ddeterminata b'mod differenti għall-applikanti individwali skont is-sess tagħhom u n-numru tat-tfal li rabbew, huwa konformi mad-dritt u mal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni Ewropea?

(3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, liema huma l-kriterji li l-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "eta' ta' irtirar" fil-mument tat-trasferiment tal-attività agrikola skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u li jemenda u jħassar ċerti Regolamenti?

([1]) Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 391.

---

**Appell ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2011 mill-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2011 fil-Kawża T-1/08, Buczek Automotive vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-405/11 P)**

(2011/C 311/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Stobiecka-Kuik u T. Maxian Rusche)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Buczek Automotive Sp. z o.o., Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 Mejju 2011 fil-Kawża T-1/08, Buczek Automotive Sp. z o.o. vs Il-Kummissjoni, sa fejn din tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tieħu deċiżjoni finali dwar il-kawża fir-rigward tal-punti li huma s-suġġett ta' dan l-appell;

— tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex teżamina l-motivi l-oħra li tqajmu fil-proċeduri fl-ewwel istanza;

— tirriżerva d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tinvoka żewġ aggravji, jiġifieri ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, u ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE flimkien mal-Artikolu 296 TFUE u tal-Protokoll Nru 8 tal-Att tal-2004 dwar ir-ristrutturar tal-industrija tal-azzar Pollakka ([1]) (iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 8").

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, billi applikat l-istandard legali żbaljat fl-evalwazzjoni tal-kriterju dwar il-kreditur privat applikat mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet meħtieġa tagħmel kalkoli addizzjonali tal-benefiċċji tal-metodi differenti ta' eżekuzzjoni u li kellha tipparaguna t-tul tal-metodi diversi ta' rkupru ta' dejn pubbliku. Il-Kummissjoni ssostni li ma hijiex marbuta twettaq kalkoli dettaljati, iżda li tieħu inkunsiderazzjoni l-fatturi li kreditur privat kien jieħu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni tagħha.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn bil-għan li tiċħad l-argument tal-imġiba ta' kreditur privat, hija inġustament imponiet l-oneru tal-prova fuq il-Kummissjoni sabiex tissottometti provi addizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tad-dewmien tat-tul tal-metodi differenti jew fuq il-paragun tal-ammonti li jirriżultaw mit-tipi differenti ta' proċeduri ta' rkupru effettiv ta' dejn jew tal-istadji differenti tagħhom.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE flimkien mal-Artikolu 296 TFUE u l-Protokoll Nru 8, billi b'mod żbaljat ikkunsidrat li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligu tagħha li tindika l-kundizzjonijiet li taħthom l-għajnuna fuq il-kummerċ bejn Stati Membri taffettwa, tikkawża jew thedded li tikkawża distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-Qorti Ġenerali b'ebda mod ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li fid-dritt primarju, jiġifieri l-Protokoll Nru 8, li jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni, wieħed kellu jassumi li l-għajnuna tikkawża jew thedded li tikkawża distorsjoni, u għal dan il-għan ġustifikazzjoni addizzjonali tal-kundizzjonijiet dwar il-kummerċ u kompetizzjoni fid-deċizjoni kienet tkun superfluwa.

(1) Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea — Protokoll Nru 8 dwar ir-ristrutturar tal-industrija tal-azzar Pollakka (ĠU 2003, L 236, p. 948).

## Appell ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2011 minn Atlas Transport GmbH kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tas-16 ta' Mejju 2011 fil-Kawża T-145/08 — Atlas Transport GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni); il-parti l-oħra: Atlas Air Inc.

**(Kawża C-406/11 P)**

(2011/C 311/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Appellanti:* Atlas Transport GmbH (rappreżentant: K. Schmidt-Hern, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u Atlas Air Inc.

### Talbiet tal-appellanti

— tannnulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fil-Kawża T-145/08, tas-16 ta' Mejju 2011,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-24 ta' Jannar 2008 (Każ R 1023/2007-1),

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Bid-deċiżjoni kkontestata, l-UASI u l-Qorti Ġenerali kisru t-tielet sentenza tal-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 40/94, dwar it-trade mark Komunitarja, li jirregola l-obbligu ta' motivazzjoni tal-appell. Bid-deċiżjoni kkontestata, l-UASI u l-Qorti Ġenerali kisru wkoll l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 40/94 kif ukoll ir-Regola 20(7) tar-Regolament Nru 2868/96, li jimplimenta r-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, applikata b'analoġija, kif ukoll prinċipji rikonoxxuti mid-dritt tal-Istati Membri. Kien imperattiv li l-proċedimenti quddiem l-UASI jiġu sospiżi, billi t-terminu għall-preżentata tal-appell kien għadu ma ntemmx.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Münster (il-Ġermanja) fl-1 ta' Awwissu 2011 — Proċeduri kriminali kontra Thomas Karl-Heinz Kerkhoff

**(Kawża C-408/11)**

(2011/C 311/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Münster

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Thomas Karl-Heinz Kerkhoff

Staatsanwaltschaft Münster

### Domanda preliminari

L-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126/KE (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li, Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi b'mod permanenti liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor lil sewwieq li l-liċenza tas-sewqan tiegħu kienet diġà ġiet irtirata fl-ewwel Stat Membru meta ma kien impost ebda perijodu ta' projbizzjoni distint fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan ġdida jew meta l-perijodu ta' projbizzjoni impost kien sadanittant skada?

(1) Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-liċenzji tas-sewqan (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 403, p.18).